**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **STORJA** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** _______________

## A. Aqra dan li ġej:




L-Ingliżi wirtu l-fortifikazzjonijiet li kienu bnew il-Kavallieri ta' San Ġwann. Fost l-oħrajn wirtu t-Torri San Luċjan. L-Ingliżi saħħew it-Torri San Luċjan billi bnewlu lqugħ tal-konkrit in-naħa tal-baħar (*ħares lejn l-istampa tax-xellug*). Fl-istampa tal-lemin tidher tieqa fil-konkrit minn fejn kien jixref kanun, jispara u wara t-tieqa terġa' tingħalaq.



**Immarka t-tajbin permezz ta' ✓:** ***(1 x 4 = 4 marki)***

1. L-Ingliżi saħħew lit-Torri San Luċjan biex:
   - Jiddefendu lil Kemmuna aħjar _________
   - Ma jidħlux vapuri ta' l-għadu fil-bajja ta' Marsaxlokk _________
   - Ma jħallux lil Napuljun jirbaħ lil Malta _________

2. Il-parti tat-Torri San Luċjan maħduma mill-konkrit, saret:
   - Biex issaħħaħ il-bejt tal-Forti San Luċjan _________
   - Biex tilqa' l-mewġ qawwi _________
   - Biex tiflaħ iktar għall-kanuni sparati minn fuq il-vapuri tal-ħadid _________

3. Forti ieħor mibni mill-Kavallieri u msaħħaħ mill-Ingliżi kien:
   - Il-Forti Sant Jiermu __________
   - Il-Forti ta' Delimara __________
   - Il-Forti Rinella __________

4. Wara l-*Margerita Lines* (magħrufa wkoll bħala l-*Firenzuola Lines*) l-Ingliżi bnew:
   - Il-Forti San Tumas ___________
   - Il-Forti Verdala ___________
   - Il-Forti Sant Anġlu ___________

**B.** **Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**: ***(1 x 5 = 5 marki)***
*(numru 1 mogħtija bħala eżempju)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Fortizza ta' Bengħisa | Mibni mill-Kavallieri; imsaħħaħ mill-Ingliżi | |
| 2. | Fort Mosta | Linja difensiva mibnija matul il-*Great Fault* | |
| 3. | Batterija | Linja difensiva qrib il-Port il-Kbir | |
| 4. | Forti Tignè | Sett kanuni ħdejn xulxin li jisparaw flimkien | |
| 5. | *Victoria Lines* | Waħda mill-fortifikazzjonijiet li tagħmel parti minn linja difensiva | |
| 6. | *Corradino Lines* | Difiża tal-Port ta' Marsaxlokk | **1** |

**C:** **Wieġeb bil-għajnuna tal-mappa**: ***(Total = 8 marki)***




1. Kif inhi magħrufa l-linja difensiva mmarkata fil-mappa?

_____________________ (1)

2. X'kien l-iskop tagħha?

_____________________________________

_____________________________________

_____________________________________ (2)

3. Agħti l-isem ta' tnejn mill-fortifikazzjonijiet li fuq il-mappa huma mmarkati A, B, C, D.

________________________________ ________________________________ (2)

4. Isem wieħed ta' fortizza li kellha kanun jiżen 100 tunellata. ______________________ (1)

5. X'kien l-iskop ta' din il-fortizza?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (2)

**D:** **Wieġeb bil-għajnuna ta' l-istampi A, B, C u D**: ***(1 x 8 = 8 marki)***












**Ikteb VERU jew FALZ**:

1. Meta l-Ingliżi ġew Malta fl-1800 l-istil arkitettoniku l-iktar popolari fost il-Maltin kien il-Barokk. _________
2. Il-Main Guard *(stampa C)* għandu stil Neo-Klassiku. _________
3. Il-Maltin kienu favur l-istil Neo-Klassiku filwaqt li l-Ingliżi riedu l-Barokk. _________
4. Il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu *(stampa B)* għandha stil Barokk . _________
5. Fil-bini Neo-Klassiku jintużaw il-kolonni Griegi li jidhru fi stampa A. _________
6. Il-Knisja ta' Marija Addolorata *(stampa D)* għandha stil Neo-Gotiku. _________
7. Il-Maltin kienu favur in-Neo-Gotiku għax kienu jqisuh bħala stil Nisrani. _________
8. L-Ingliżi daħħlu f'Malta l-istil Barokk. _________

## E. Aqra dan li ġej: *(1 x 10 = 10 marki)*



Fl-1836 il-Gvern Ingliż bagħat Kummissjoni Rjali biex tara l-kundizzjonijiet soċjali li fihom kienu qegħdin jgħixu l-Maltin. Kummissjoni Rjali oħra mibgħuta f'Malta mill-Ingliżi kienet dik ta' Mr Patrick Keenan fl-1878. Naraw ftit kif il-ħajja f'Malta f'dawk iż-żminijiet tal-Ħakma Kolonjali Ingliża, kienet DIFFERENTI MIL-LUM.

**Ikteb dawn li ġejjin fil-kolonna t-tajba**:

(1) Popolazzjoni 115,000 ruħ
(2) Popolazzjoni 400,000 ruħ
(3) Edukjazzjoni obbligatorja sa 16-il sena
(4) Ftit skejjel
(5) Poplu illitterat
(6) Kważi kulħadd jaf jaqra u jikteb
(7) Malta kolonja Ingliża
(8) Malta indipendenti

| **1836 - 1878** | **Illum – 2007** |
|---|---|
| Eż: *X'ħin jidlam kulħadd imur jorqod* | Eż: *naraw it-televixin sa tard bil-lejl* |
| | |
| | |
| | |
| | |
| **Issa sib oħra għal kull perjodu**: | |
| **1836 - 1878** | **Illum – 2007** |
| | |

**F. Ikkummenta dwar l-istampi u l-kitba li ssib f'dan it-taħriġ:** ***(Total: 13-il marka)***

1. It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet ċaqliq fil-popolazzjoni Maltija. (a) Minn fejn telqu ħafna nies? (b) Fejn marru joqogħdu? (c) X'għamlu meta spiċċat il-gwerra?



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

2. Dawn il-mezzi ta' trasport kienu jaħdmu b'enerġija differenti. Il-ferrovija kienet taħdem bil-__________________________ filwaqt li t-tramm kien jaħdem ____________________. Il-karozza tal-linja kienet taħdem ______________________________________ ______________________________________




(3)

3. X'inhu **AKWEDOTT**? Għalfejn inbena l-akwedott tal-Fawwara li jidher fl-istampa?



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

4. Stili ta' lbies dari u llum: semmi **żewġ differenzi** li tinnota kif kienu jilbsu n-nies fis-Seklu 19 u llum.



Dari Illum

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (4)

## G. **Wieġeb bil-għajnuna tal-mappa mogħtija** : *(2 x 5 = 10 marki)*

*Il-mappa turina tliet pajjiżi kbar li l-Maltin emigraw lejhom fis-Seklu 20.*




1. Ikteb l-ismijiet ta' tnejn mill-pajjiżi murija bil-vleġeġ:

   ______________________________

   ____________________________ (2)

2. Għaliex bosta Maltin kien ikollhom jemigraw?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ____________________________ (2)

3. Semmi żewġ pajjiżi li l-Maltin emigraw fihom **fis-Seklu 19**:

   (a) ______________________________ (b) ______________________________ (2)

4. Semmi effett negattiv li l-emigrazzjoni kellha fuq l-ekonomija Maltija.

   ______________________________________________________________ (2)

5. Liema lingwa barranija kienet tkun ta' għajnuna kbira għall-Maltin li kien ikollhom jemigraw?

   ______________________________________________________________ (2)

## H. **Immarka t-tajbin**: *(1 x 4 = 4 marki)*

1. Raħal Malti marbut mas-sajd:
   MOSTA, GUDJA, GĦAXAQ, PAOLA, MARSAXLOKK

2. Raħal fejn insibu bosta barrieri u industriji tal-ġebel:
   ŻEJTUN, ŻEBBUĠ, MQABBA, MELLIEĦA, DINGLI

3. Raħal fejn insibu bosta bdiewa u raħħala:
   SAN ĠILJAN, MARSA, MELLIEĦA, PAOLA, BORMLA

4. Post marbut ma' l-iżvilupp tat-Tarzna ta' Malta:
   ŻURRIEQ, SLIEMA, BORMLA, BUĠIBBA, RABAT



## I. **Immarka t-tajba b' ✓:** *(1 x 4 = 4 marki)*

1. Post fejn sar żvilupp fit-Tarzna ta' Malta meta ġew l-Ingliżi:
   Bajja ta' Birżebbuġa _____
   French Creek _____
   Marsamxett _____

2. Meta nsemmu r-*rundowns* ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija nifhmu:
   Bini ta' ajruport ġdid _____
   Gwerra bierda _____
   Sensji ta' ħaddiema _____

3. Meta Malta kellha ekonomija ta' fortizza:
   Żviluppa l-Freeport _____
   Ix-xogħol kien jiżdied meta jkun hemm periklu ta' gwerra _____
   Kien hawn ħafna xogħol fil-lukandi _____

4. Illum l-ekonomija Maltija hija bbażata ħafna fuq:
   Il-qtugħ tal-ġebel _____
   It-turiżmu _____
   Il-mastrudaxxi _____

## J. **Wieġeb il-mistoqsijiet bil-għajnuna ta' dawn l-istampi**: *(Total = 10 marki)*








1. Il-Maltin keċċew lill-Franċiżi fis-sena 1800. Dan setgħu jagħmluh bil-għajnuna ta' l-Ingilterra u tar-Re ta' Napli. Bit-Trattat ta' Paċi li sar ġewwa Amiens ġie deċiż li Malta kellha tingħata lura lill- ________________________________ . (1)

2. Il-Maltin ma kinux kuntenti b'dan u pprotestaw. Huma talbu li Malta ssir (protettorat, kolonja, bażi) ta' l-Ingilterra. (1)

3. Għall-ewwel l-Ingilterra kienet tibgħat Kummissarji Ċivili biex imexxu l-Gżejjer Maltin. Fi stampa A jidher monument li l-Maltin għamlu lil ____________________________ li kien l-ewwel Kummissarju Ċivili Ingliż f'Malta. (1)

4. Lil Malta, l-Ingliżi żammewha taħt idejhom. Fl-1813 għamluna kolonja. Kolonja tfisser art (protetta, maħkuma, barranija). (1)

5. Biex imexxi lil Malta f'isem l-Ingliżi kien hawn il-gvernatur. L-ewwel gvernatur Ingliż f'Malta kien ______________________________ li jidher fi stampa B. (1)

6. L-uffiċċju tal-gvernatur kien fil-Palazz Maġisterjali mibni mill-Kavallieri (stampa C). Illum il-ġurnata, dan il-palazz iservi bħala l-uffiċċju tal- ______________________. (1)

7. Ikteb <u>żewġ sentenzi</u> dwar <u>waħda</u> mill-**kostituzzjonijiet** li ġiet mogħtija lil Malta f'dawn l-aħħar 200 sena:

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (4 marki)

**K:** **Agħżel it-tajba mill-parentesi**: ***(1 x 4 = 4 marki)***



1. Il-magna ta' l-istim ġiet ivvintata minn (Charlton, Crusoe, Watt, Atkins, Dickens).
2. L-enerġija għall-istim kienet ipprovduta mill-(ilma, faħam, merkurju, injam).
3. Ir-Rivoluzzjoni Industrijali bdiet (fil-Kanada, fl-Awstralja, fl-Ingilterra, Malta).
4. Pajjiż li sa l-1900 kien għadu mhux industrijalizzat wisq kien (l-Ingilterra, Franza, ir-Russja, il-Ġermanja).

**L.** **Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**: ***(1 x 6 = 6 marki)***)
*(Numru 1 mogħtija bħala eżempju)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Imperjaliżmu | Titjib fil-metodi tal-biedja u l-agrikoltura | |
| 2. | Rivoluzzjoni Agrarja | Titjib fis-sistema ta' komunikazzjoni | |
| 3. | Fabbriki | Ħakma fuq ħafna kolonji | **1** |
| 4. | Ferroviji | Żvilupp industrijali kmieni | |
| 5. | Spanja u Italja | Produzzjoni tal-faħam u ħadid | |
| 6. | Ingilterra u Belġju | Produzzjoni tal-massa | |
| 7. | Minjieri | Rivoluzzjoni Industrijali waslet tard | |

**M. Aqra dan li ġej:** ***(Total = 14-il marka)***



Fir-ritratt jidher monument li l-Bormliżi għamlu lill-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija. F'ħafna pajjiżi mietu kemm suldati (nies militari) kif ukoll nies ċivili (nisa, tfal, eċċ).

**Wieġeb**:

1. Kif taħseb li mietu n-nies ċivili li isimhom huwa mniżżel fuq il-monument tal-gwerra ta' Bormla?

   ______________________________ (2)

**Bosta pajjiżi tilfu ħafna nies fil-gwerra. Liema pajjiżi tilfu l-iktar nies? Ħares lejn l-informazzjoni mogħtija f'din it-tabella u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet**:

| PAJJIŻ | SULDATI MEJTA | ĊIVILI MEJTA | TOTAL |
|---|---:|---:|---:|
| Unjoni Sovjetika | 8,668,000 | 16,900,000 | 25,568,000 |
| Ġermanja | 3,250,000 | 3,810,000 | 7,060,000 |
| Polonja | 850,000 | 6,000,000 | 6,850,000 |
| Ġappun | 1,506,000 | 300,000 | 1,806,000 |
| Franza | 340,000 | 470,000 | 810,000 |
| Italja | 330,000 | 80,000 | 410,000 |
| Gran Brittanja | 326,000 | 62,000 | 388,000 |
| Stati Uniti (Amerika) | 295,000 | 0 | 295,000 |

**Kompli wieġeb bil-għajnuna ta' din it-tabella**:

2. Mill-pajjiżi msemmija fiċ-ċart, liema pajjiż tilef l-iktar nies fil-gwerra? __________ (1)
3. Liema pajjiż tilef l-inqas nies? ______________________________ (1)
4. Semmi **żewġ** pajjiżi li kienu jissejħu ALLEATI: ______________________________ (2)
5. Semmi **żewġ** pajjiżi li kienu jissejħu ASSI: ______________________________ (2)
6. Semmi **żewġ** pajjiżi li attakkaw lil Malta: ______________________________ (2)
7. Għaliex taħseb li fl-Istati Uniti ma mitux nies ċivili?

   ______________________________ (2)
8. Semmi **żewġ** effetti negattivi li kellha l-aħħar gwerra dinjija:

   ______________________________

   ______________________________ (2)